Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 31

It- Tnejn, 1 ta' Novembru 2021

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-3.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.11pm

**31.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

31.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**31.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal- Minuti**

31.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tat- Tletin Laqgħa. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

31.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

31.2.3 Is- SE infurma lill-Kunsill li l-applikazzjoni mad- Dipartiment għal- Gvern Lokali biex kamra li tinsab fi Palazzo Vilhena tingħata b'devoluzzjoni lill- Kunsill biex jintrema apparat tad-dawl b'konnessjoni max-xogħolijiet li għaddejjin bħalissa Infrastructure Malta ntbgħatet.

31.2.4 Is- SE infurma lill-Kunsill li l-applikazzjoni ma' l-ERA b'konnessjoni mal-proġett Bellus ntbgħatet.

31.2.5 Is- SE infurma lill-Kunsill li l-applikazzjoni ma' LESA għat-tisbieħ u manutenzjoni ta' Howard Gardens ntbghatet.

31.2.6 Is- SE infurma lill-Kunsill li nbeda l-proċess mal-Bank of Valletta biex pagamenti jibdew isiru online u mhux izjed b'cekk.

**31.3 Komunikazzjoni mis- Sindku**

31.3.1 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-Ministeru għat- Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali alloka zewġ ħaddiema biex jagħmlu l-manutenzjoni meħtieġa fuq il-problema tad-dawl fi Howard Gardens.

31.3.2 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-proġett b'fondi Ewropej Wifi4 U ser jiġi mniedi ġewwa l-Mdina fil-ġimgħat li ġejjin.

31.3.3 Is- Sindku qal li fit-12 ta' Novembru 2021 ser ikun qed jinġibed film ġewwa l-Mdina u li tagħha ser ningħataw s-somma ta' € 3000.

31.3.4 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li reġa ġie avviċinat minn Mario Farrugia f'isem Wirt Artna fuq it- Torre Dello Standardo. Huwa qal li bħala Kunsill għandna nibdew naħsbu biex din il-binja tibda tintuza u talab li fil-laqgħa li jmiss din it-tema tiġi diskussa kif ukoll il-Binja ta' Casino Notabile.

31.3.5 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li wara il-laqgħa li kellu l-Kunsill mal- Ministru, l-Onor Silvio Schembri rigward l-għoti ta' art lill-Kunsill bħala alternattiva għal l-art li kellu f'idejħ il-Kunsill ħdejn l-istazzjon għaliex fit-30 ta' Settembru 2021 ġejn nfurmati mill-LANDS

li din l-art ttieħdet u ngħatat lil Heritage Malta, qed jissuġerixxi li hemm ex farm ta-mushrooms u tista' tkun ideali għal car park

31.3.6 Is- Sindku talab li jinxtraw bin liners extra għax hemm uħud minnhom li spiccaw.

**31.4 CCTV- Car Park**

31.4.1 Is-SE infurma lill- Kunsill li dan il-Kunsill kellu kont pendenti ma' l-Arms fuq cctv cameras barra l-Mdina li huma propjeta' ta' G4S u għar raġuni jew oħra li fl-2010, il-Kunsill kien applika għal arloġġ tad-dawl fuq ismu. Il-Kunsill wara ħafna taħditiet ma G4s, LESA u Reġjun Tramuntana dan il-kont inqasam u tħallas

31.4.2 Fi Frar li għadda il-Kunsill rċieva kont ieħor u ntbgħat lil G4S fit-23 ta' Frar biex jitħallas u minnufih dan l-uffiċċju bgħat il-kont lil G4S kif ukoll kien qed jintalab biex l-arloġġ tad- dawl jiġi trasferit lil G4S pero' l-uffiċċju ma rċieva ebda tip ta' komunikazzjoni mill-kumpanija. Ntbgħatu diversi reminders li kienu fis- 17 ta' Marzu, fil-21 ta' Lulju u fl-24 ta' Settembru 2021 rispettivament pero' bqajna mingħajr risposta.

31.4.3 Is- SE għaldaqstant tenna mal-Kunsill li azzjoni ulterjuri u konkreta trid tittieħed mill-Kunsill fil-konfront tal-G4S għalix il-kont qed jitla' kif ukoll l-interessi marbuta miegħu

31.4.4 Il-Kunsill ddeċieda li għandna niktbu lil G4S permezz ta' l-avukat tal-Kunsill fejn ser jingħatalhom ġimgħa cans biex jottemporaw u f'kaz li dan ma jsirx, il-Kunsill ser jbda l-proċess biex jittermina dan is-servizz minnufih.

**31.5 Kwotazzjonijiet Armar tal-Milied**

31.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra tlett kwotazzjonijiet b'konnessjoni ma' l-armar tal-Milied ġewwa l- Mdina fejn l-irġas offerta kienet ta' CLD- Carl Caruana għas-somma ta' € 6.576.71

31.5.2 Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni

**31.6 Ilmenti u Items Oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill.**

31.6.1 Motors Inc- Il-kumpanija tal-karozzi infurmat lill-Kunsilli ta' l-Mdina u r- Rabat li l-karozzi tat- tip Hyundai Kona li ser jintuzaw għal esiġenzi tar-residenti rispettivi tagħhom ser ikun għand il-Kunsill fix-xahar ta' Novembru.

31.6.2 Sadanittant il-Kunsill talab l-approvazzjoni tiegħu biex ssir l-insurance fuq il-karozza kif ukoll titħallas s-somma ta' €32,189.46. Is- SE fakkar li € 25,000 minnhom ser jitħallsu minn TM bħala parti mill-Mobility Week 2020.

31.6.2.1 Il-Kunsill fuq proposta tas- Sindku li kienet ssekondata mill- Viċi Sindku, il-Kunsill approva unanimament li titħallas ssomma dovuta u ssir l-insurance fuq il-karozza.

31.6.3 AKL- Zjara minn delegazzjoni Entente Florale Europe ġewwa l-Mdina nhar it- Tlieta 9 ta' Novembru 2021

31.6.4 WSC- Il-Kunsill ġie infurmat li minn nhar il-Ġimgħa 12 ta' Novembru sal-Ħadd 14ta' Novembru, il-Korporazzjoni ta' l-ilma ser tkun qed tqassam aċċessorji ta' l-ilma lir-residenti b' rabta ma' Water- Be the change.

31.6.5 MHAL- Cirkl SPI/SCI/8/2021- Finanzjament ta’ Proġetti Aċċessibilita’ u Mobilita’.

31.6.6 Greenpak- Notifikazzjoni fuq proċeduri ta’ ġbir ta’ skart madwar il-bins.

30.7.6 NM Group- New Funding Opportunity- Bellus Call. Il-Kunsill talab li ssir laqgħa mar-rapprezentanti ta’ din il-kumpanija.

**31.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta’ pagamenti**

31.8.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdu l-iskedi ta’ ħlasijiet li jġibu d-dati tas- 1 ta’ Novembru 2021 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta’ € 23,708.69.

31.8.2 L-iskedi ta’ ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**31.8 Tmiem tal- Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

30.9.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 4.20pm u ġiet aġġornata għall- 1 ta’ Diċembru 2021 fit-3pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___1st December 2021__